# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 10 ta’ Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 13**

**Citaz. Nru. 2504/00GV**

Doc. 141-01

**Victor Caruana**

**-vs-**

**Malta International Airport p.l.c.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur kien impjegat mas-socjeta’ Air Malta p.l.c. bhala *‘loader/ambulift’*.

Premess illi dan ix-xoghol kien jinkludi li l-attur jghin lil dawk il-passiggieri b’dizabilita’ biex jitilghu u jinzlu minn fuq l-ajruplani, u dana permezz ta’ ‘*wheelchairs’*.

Premess illi dawn il-’*wheelchairs*’ kienu jkunu provduti mis-socjeta’ konvenuta.
Premess illi fil-11 ta’ Gunju, 1998 waqt li l-attur kien qed jaghmel dan ix-xoghol, huwa intlaqat minn ‘*wheelchair*’ li rrizulta li giet provduta mis-socjeta’ konvenuta minghajr ebda ‘*brakes*’.

Premess illi b'konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni sija ta' natura '*lucrum cessans*' kif ukoll ta' natura '*damnum emergens*'.

Premess illi dan l-incident sehh tort unikament tas-socjeta' konvenuta u dan minhabba traskuragni, negligenza, imperizija u non-osservanza tar-regolamenti.

Premess illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas lill-attur tad-danni lilu kagunati izda baqghet inadempjenti.

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabli Qorti;

1 tiddikjara li l-incident li sehh fil-11 ta' Gunju, 1998, li fih korra l-attur sehh tort unikament tas-socjeta' konvenuta, u dan minhabba negligenza, imperizija, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti.

2 tillikwida d-danni sofferti mill-attur, okkorrendo permezz ta' perit nominandi.

3 tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali, u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni guramenta tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezjonijiet tas-socjeta' konvenuta Malta International Airport p.l.c. a fol. 12 tal-process fejn eccepiet:

Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante li:

1 in linea preliminari, is-socjeta' eccipjenti mhijiex il-legittima kontradittrici ta' l-attur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress li fil-mument meta sehh l-incident mertu ta' din il-kawza, l-attur kien qed jaghmel xoghol ghas-socjeta' Air Malta p.l.c., ma' liema socjeta' l-attur kien impjegat;

2 minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u fil-mertu, is-socjeta' eccipjenti ma kkommettiet ebda tort fil-konfront ta' l-attur u ghalhekk ma tistax tigi tenuta responsabbli lejn l-attur;

3 semmai l-incident sehh minhabba negligenza da parti ta' l-attur illi naqas milli josserva l-instruzzjonijiet moghtija lilu u/jew il-prudenza necessarja u/jew minhabba forza magguri;

4 subordinarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-dizabilita' fizjologika illi minnha jbati l-attur mhijiex attribwibbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza izda ghal incident iehor li sehh madwar xi sentejn qabel, ghall-liema incident is-socjeta' eccipjenti ma kienetx responsabbli;

5 id-danni allegati jridu jigu ppruvati;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-avukati difensuri jittrattaw l-ewwel eccezzjoni;

**ECCEZZJONI**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjonji tal-konvenuti.

F'din l-eccezzjoni l-konvenuti qed ighidu li huma mhumiex il-legittimi kontradditturi billi fil-mument meta sehh l-incident l-attur kien qed jaghmel xoghol ghas-socjeta' Air Malta li maghha kien impjegat.

Xehed Norman Cassar, prodott mill-konvenuti li qal li r-responsabilta' tal-konvenuti kienet ghat-*terminal* u fit-*terminal*. Mit-*terminal* il barra, fejn gara l-incident, r-responsabilta' hija tal-Air Malta.

Illi mix-xhieda ta' Cassar jirrizulta li l-wheelchairs huma pprovduti mill MIA u l-maintenance taghhom hija f'idejhom.

It-talba ta' l-attur hi bazata fuq il-premessa li l-incident gara billi huwa nghata wheelchair li rrizulta li kien minghajr *brakes*. Issa billi dawn il-*wheelchairs* gew provduti mill konvenuti, u l-*maintenance* kienet issir mill-konvenuti, hemm ness bejn dak li allegatament gara u l-konvenuti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, tiddifferixxi l-kawza ghall provi fil-mertu ghat-8 ta' Frar, 2002, spejjez riservati ghad-decizjoni finali

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**